C/2025/6085

11.11.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-każ M.12184 – MAGELLAN / METS)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/6085)

1. Fit-3 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Magellan Partners ("Magellan", Franza), ikkontrollata minn ICG plc (ir-Renju Unit) u Gala Investment (Franza)

— Worldline SA's Mobility & e-Transactional Services business ("MeTS", Franza), ikkontrollata minn Worldline SA (Franza).

Magellan se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' MeTS kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Magellan hija grupp ta' servizzi ta' konsulenza u tal-IT li jispeċjalizza fil-konsulenza organizzazzjonali u fis-sistemi ta' informazzjoni. Magellan hija primarjament attiva fi Franza; kif ukoll

— Worldline's MeTS hija negozju ta' servizzi tal-IT, li jipprovdi servizzi diġitali lill-klijenti tiegħu (inkluż bejgħ ta' biljetti u/jew ġestjoni ta' vawċers, ġestjoni ta' soluzzjonijiet tat-trasport, soluzzjonijiet ta' kuntatt, eċċ.). MeTS hija attiva prinċipalment fi Franza, kif ukoll fil-Ġermanja, fi Spanja u fir-Renju Unit.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12184 — MAGELLAN / METS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.